V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8679 — Blackstone/Banco Popular real estate business)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 401/08)

1. Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— il-Blackstone Group L.P. ("Blackstone", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— ċertu self u proprjetà immobbli tal-Banco Popular Español SA (Spanja) tal-kumpanija tiegħu li tiġġestixxi l-proprjetà immobbli, Aliseda Servicios de Gestión Inmobiliaria, SL (Spanja) (it-tnejn kumpaniji fil-"Mira").

Blackstone takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-kumpanija fil-Mira kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Blackstone: ġestjoni ta' assi dinjija,

— għall-kumpanija fil-Mira: In-negozju fil-proprjetà immobbli tal-Banco Popular Spanjol, li jinkludi l-portafoll Spanjol ta' proprjetajiet meħuda lura, self improduttiv relatat mas-settur tal-proprjetà immobbli u assi oħra relatati ma' dawn l-attivitajiet (inklużi assi ta' taxxa differita) li huma proprjetà tal-Banco Popular u l-affiljati tiegħu; u ta' ċerti assi u operazzjonijiet tal-kumpanija ta' ġestjoni tal-proprjetà immobbli tal-Banco Popular, Aliseda li tipprovdi servizzi lin-negozju tal-proprjetà immobbli.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8679 — Blackstone/Banco Popular real estate business

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË